**Deċiżjoni tas-Sedja mogħtija minn Mr Speaker l-Onor Michael Frendo f'Seduta numru 322 tat-Tnejn, 7 ta' Marzu 2011**

Waqt is-Seduta 316 tal-21 ta' Frar 2011, l-Onorevoli Evarist Bartolo ressaq każ ta' ksur ta' privileġġ kontra s-Sur Godfrey Scicluna, Kap tas-Servizz tas-Sigurtà ta' Malta, dwar allegata interċettazzjoni ta' telefonata bejn l-Onor Evarist Bartolo u l-Onor Jeffrey Pullicino Orlando li saret nhar l-Erbgħa, 16 ta' Frar 2011 filgħaxija.

Is-Sedja, *ai termini* tal-liġi li tirregola speċifikament din il-materja, u ċioè l-Att dwar is-Servizz tas-Sigurtà, Kapitolu 391 tal-Liġijiet ta' Malta, m'għandhiex il-mansjoni li tagħmel investigazzjoni hija stess. Dan il-poter huwa riżervat esklussivament għall-Kummissjunarju dwar is-Servizz tas-Sigurtà.

Madankollu in vista tat-talba ta' ksur ta' privileġġ, is-Sedja tixtieq tinforma lill-Kamra li bgħatet u ltaqgħet fl-Uffiċċji fil-Parlament mal-Imħallef Frank Camilleri, Kummissjunarju maħtur skond l-Att dwar is-Servizz tas-Sigurtà, u b'rispett sħiħ tas-subartikolu (3)(b) tal-Artikolu 12 tal-Att, kif ukoll tal-Artikolu 13 tal-istess Att, ġibditlu l-attenzjoni tiegħu għal dan il-każ ta' ksur ta' privileġġ in vista li l-konklużjonijiet tiegħu huma neċessarji għall-istess deċiżjoni tas-Sedja fuq din il-materja. Dan għamlitu wkoll permezz ta' ittra li ngħatat lill-Kummissjunarju datata 4 ta' Marzu 2011.

L-ittra li ngħatat lill-Kummissjunarju hija annessa ma' dan ir-*ruling* li tgħid hekk:

**"Is-Sinjorija tiegħu l-Imħallef Frank Camilleri**
**Il-Kummissjunarju**
**L-Att dwar is-Servizz tas-Sigurtà**

4 ta' Marzu 2011

Fis-Seduta 316 tal-21 ta' Frar 2011, l-Onorevoli Evarist Bartolo qajjem każ ta' ksur ta' privileġġ kontra s-Sur Godfrey Scicluna li huwa responsabbli mis-servizz tas-sigurtà ta' Malta. Qed nannetti ma' din l-ittra kopja tat-traskrizzjoni tad-diskors tal-Onorevoli Bartolo fil-Kamra tad-Deputati, Parlament ta' Malta dwar din il-materja.

Fl-istess diskors l-Onorevoli Bartolo jagħmel riferenza li huwa bagħat ittra lilek, fir-rigward tal-istess każ li tqajjem fil-Kamra tad-Deputati bħala ksur ta' privileġġ, bħala Kummissarju taħt l-Att dwar is-Servizz tas-Sigurtà, Kapitolu 391 tal-Liġijiet ta' Malta ("l-Att").

In vista tal-fatt li tqajjem dan il-ksur ta' privileġġ, u b'rispett sħiħ tal-subartikolu (3)(b) tal-Artikolu 12 tal-Att, kif ukoll tal-Artikolu 13 tal-Att, ġentilment niġbed l-attenzjoni tiegħek għal din il-materja in vista li l-konklużjonijiet tiegħek huma neċessarji għad-deċiżjoni tiegħi (*ruling*) bħala Speaker tal-Kamra tad-Deputati.

**L-Onor Michael Frendo MP**

Anness: Estratt mis-Seduta 316 tal-Ħdax-il Parlament"

Din l-ittra qed titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

Għaldaqstant, is-Sedja tirriserva li tagħti *ruling* fi stadju ulterjuri abbażi tar-riżultanżi tal-istess Kummissjunarju.